28 ta' Jannar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Caterina Gerada *versus* Avukat Dr. Antonio Caruana

**Ritrattazzjoni — Żball — Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi — Nota tal-Eċċezzjonijiet — Nota ta' Osservazzjonijiet — Art. 814 (1) u (3), u art. 158 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Hemm lok għar-ritrattazzjoni mħabba żball, jekk is-sentenza mpunjata kienet l-effett ta' żball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti fil-kawża; u jitqies li hemm dan l-iżball fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun bażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament; basta li, fil-każ wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt kontestat li jkun ġie deċiż fis-sentenza.*

*Għaldaqstant, jekk l-iżball akkampat bħala motiv tar-ritrattazzjoni kien punt kontestat li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-iżball; u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jagħtux lok għar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni.*

*Hemm ukoll lok għar-ritrattazzjoni meta tkun ġiet applikata l-liġi ħażin; imma jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi; basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni tal-liġi li fuqha l-Qorti tkun tat espressament deċiżjoni.*

*Għalkemm hu veru li min ikun konvenut f'ġudizzju, u jrid jikkontesta t-talba, għandu jippreżenta nota li jkun fiha miġjubin l-eċċezzjonijiet tiegħu, dan però ma jfisserx, u ma jistgħax ifisser, illi l-istess konvenut, wara l-preżentazzjoni ta' dik in-nota, ma jkunx jista' jressaq u jissolleva eċċezzjonijiet oħra, anki fil-korp ta' nota ta' osservazzjonijiet; u huwa obbligu tal-ġudikant li, meta jiġi biex jaqta' l-kawża, jeżamina u jivvaluta l-mezzi kollha ta' difiża li l-partijiet ikunu ressqu quddiemu.*

*Il-motiv ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi ma għandux jirriżolvi ruħu fi kritika tas-sentenza mpunjata; għaliex, skond il-liġi, jista' jkun hemm lok għar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv meta fuq il-fatt kif stabbilit mill-Qorti d-dispożizzjonijiet tal-liġi ġew applikati ħażin, u mhux meta l-Qorti interpretat dawk id-dispożizzjonijiet, u in vista ta' dik l-interpretazzjoni tkun waslet għal ċerta konklużjoni.*

Il-Qorti;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ġunju 1946, fejn jinsabu riepilogati t-talbiet tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġie deċiż li l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha tar-retratt mħabba t-titolu tal-viċinanza, salva, in riferenza għat-tieni talba, l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut illi huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jasserixxi huwa li għandu dan it-titolu, u ordnat li l-ispejjeż ikunu mingħajr taxxa, barra d-dritt tar-Reġistru, li jkun kontra l-konvenut, u l-ispejjeż tal-aċċessi li saru mill-Ewwel u minn din il-Qorti jitħallsu bin-nofs;

Rat id-deċiżjoni l-oħra ta' din il-Qorti tal-20 ta' Diċembru 1946, li biha ġiet respinta talba tal-konvenut għar-re-

voka tal-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946 u għar-ritrattazzjoni tagħha fl-istadju tal-appell; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, li bih, billi ġie ritenut spedjenti li l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri li huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, skond ma jasserixxi huwa li għandu dan it-titolu, tiġi trattata u deċiża mill-Ewwel Qorti, biex il-kontendenti jkollhom ukoll il-benefiċċju tad-doppju eżami, ġie ordnat li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni u tal-kwistjonijiet kollaterali sollevati bir-rikors preżentat mill-imsemmi Dr. Caruana fis-16 ta' Jannar 1951; spejjeż riżervati;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, li biha ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni rinvijata lilha minn din il-Qorti bl-imsemmi digriet tas-7 ta' Mejju 1951; bl-ispejjeż mingħajr taxxa, iżda bid-dritt tar-Reġistru a kariku tal-konvenut;

Rat is-sentenza l-oħra tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' April 1954, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità tal-imsemmija deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 1953, opposta mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Diċembru 1954, li biha ġie respint l-appell u konfermata l-imsemmija sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' April 1954; bl-ispejjeż kontra l-konvenut Dr. Caruana appellant;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju 1955, li bih ġiet respinta t-talba tal-imsemmi konvenut Dr. Caruana għar-revoka "contrario imperio" tad-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju 1951 u għalbiex jiġi ordnat ir-riappuntament tal-kawża għat-trattazzjoni u deċiżjoni;

Rat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1956, li biha ġiet ordnata s-soprassessjoni f'din il-kawża, u ġie

mogħti lill-konvenut xahar żmien biex fih, jekk jidhirlu, jiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għall-impunjazzjoni tal-kuntratt hemm indikat, u ddifferiet il-kawża "sine die", riappuntabbli b'rikors tal-interessati, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li tiġi proposta; spejjeż riżervati; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif ġie rilevat fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, il-kwistjoni li trid tiġi riżoluta hi dik li ġiet rinvijata għall-eżami ta' dina l-Qorti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951, jiġifieri jekk il-konvenut huwiex konsorti fil-fond irkuprat bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kwistjoni li nsorġiet in segwitu għall-eċċezzjonijiet, it-tieni waħda, tal-konvenut stess, mogħtija minnu binnota tat-3 ta' April 1944, fejn allega li huwa hu komproprjetarju f'dak il-fond, u għandu d-dritt ta' ritenzjoni bħala eredi leġittimu, intestat, tal-imsemmija Maria Teresa Caruana. Din il-kwistjoni ma ġiet qatt trattata, u konsegwentement lanqas deċiża minn din il-Qorti; għar-raġuni, fost oħrajn, illi l-istess konvenut, fin-nota tiegħu tat-12 ta' Diċembru 1944, kien insista biex l-istess kwistjoni tiġi mħollija għal wara d-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, miġjuba fin-nota tat-3 ta' April 1944, jiġifieri li t-titolu tal-viċinanza u tal-konsorzju vantati mill-attriċi kienu ineżistenti;

Illi l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut timporta illi l-eredità ta' Maria Teresa Caruana ma kienetx aċċettata mill-eredi testamentarji tagħha. L-attriċi tafferma l-kuntrarju, u eżibiet id-dokument fil-fol. 133 tal-proċess, li hu att ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897, li minnu jidher illi fil-fatt l-eredi testamentarji ta' Maria Teresa Caruana aċċettaw l-eredità u qasmu l-beni ereditarji tagħha. Però l-konvenut jallega illi dik l-affermazzjoni tal-attriċi hija erronea, billi jikkwalifika bħala "pretiża" u "finta" dik id-diviżjoni (fol. 169, 184, 185); u anzi jsostni li qatt ma eżistiet (fol. 185);

Illi b'dan il-mod il-konvenut qiegħed jimpunja l-im-

semmi kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju 1956, li biha ġie konfermat l-imsemmi digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1956, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant, b'dana li t-terminu ta' xahar b'dak id-digriet impost kellu jibda jgħaddi minn dak il-jum, 25 ta' Ġunju 1956; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jidher mir-rikors tal-appell, tlieta huma l-aggravji miġjubin il-quddiem kontra d-digriet appellat. L-ewwel aggravju huwa li, għalkemm l-Ewwel Qorti, bl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, affermat li għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni lilha rinvijata bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951, iżda l-unika investigazzjoni li setgħet tagħmel kienet dik jekk l-eċċezzjoni setgħetx tiġi trattata u deċiża in prima istanza, ladarba l-kawża ġa ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti bis-sentenza tal-15 ta' Novembru 1945 rigward id-domandi kollha dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni, u dik is-sentenza ma ġietx dikjarata nulla bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ġunju 1946. It-tieni aggravju huwa li l-appellant, bid-digriet appellat, ġie kostrett li jippromwovi azzjoni li huwa għadu ma elevax in forma ta' eċċezzjoni. It-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti messha preventivament iddeċidiet jekk id-dokument eżibit fil-fol. 133 tal-proċess għandux jiġi sfilzat, billi preżentat serotinament fi grad ta' appell;

Illi, kwantu għall-ewwel aggravju, il-limitazzjoni li l-appellant jippretendi li biha hija ċirkoskritta l-ġurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-eċċezzjoni lilha deferita bid-digriet ta' dina l-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, hija mhux biss arbitrarja, iżda anki kuntrarja għad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ottubru 1953. Kontra din is-sentenza l-appellant oppona l-eċċezzjoni tan-nullità — liema eċċezzjoni ġiet respinta b'sentenza oħra tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' April 1954, konfermata minn dina l-Qorti fit3 ta' Diċembru 1954. Bl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, l-Ewwel Qorti ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni lilha rinvijata minn din il-

Qorti bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951. Kif sewwa jingħad fid-digriet appellat, il-kwistjoni rimessa għall-eżami u deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija dik relattiva għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Dr. Caruana, jiġifieri jekk huwa huwiex konsorti fil-fond irkuprat bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, bħala ġustifikazzjoni għad-dritt ta' ritenzjoni minnu allegat. U l-ġurisdizzjoni affermata mill-Ewwel Qorti bl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, tirriferixxi għall-eżami u deċiżjoni li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li jidħlu fil-ġurisdizzjoni tagħha. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant huwa destitwit minn kwalunkwe fondament;

Illi, kwantu għat-tieni aggravju, fil-fol. 181 u segwenti tal-proċess, tinsab nota tal-osservazzjoni tal-konvenut Dr. Caruana "in meritu għall-effikaċja tal-att tad-diviżjoni riċevut minn Nutar Gustavo Sciortino fil-25 ta' Awissu 1897, li kopja tiegħu ġiet eżibita mill-attriċi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 1951 (fol. 133 et seq.)". B'dik in-nota l-konvenut ikkontesta l-effikaċja ta' dak l-att billi minnu ma tirriżultax il-volontà tal-eredi ta' Maria Teresa Caruana, billi fil-kawża li biha ġiet ordnata d-diviżjoni tal-assi tal-istess Caruana l-atturi ma kienux fir-realtà parti fil-kawża, u biċċa mill-konvenuti ma kienux ġew notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni, u billi ħadd mill-konvenuti ma pprezenta noti tal-eċċezzjoni jew ta' adeżjoni, u l-kontumċja tagħhom tfisser oppożizzjoni għad-domanda tad-diviżjoni, u mhux aċċettazzjoni tal-eredità li tagħha ġiet mitluba l-qasma. Fl-istess nota l-appellant ikkwalifika d-diviżjoni li saret fl-atti Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897, bħala "preżunta" u bħala "finta", u spiċċa biex qal li fil-fatt diviżjoni ma kienx hemm, anki għal raġunijiet oħra fl-istess nota mfissrin;

L-appellant qiegħed isostni li, non ostante li huwa kkwalifika bil-mod fuq aċċennat l-imsemmi att ta' diviżjoni, b'daqshekk huwa ma ssollevax l-eċċezzjoni tan-nullità ta' dak l-att, u ma mpunjaħx f'dan l-istadju tal-proċeduri, għalkemm għal kull bon fini, irriżerva d-drittijiet tiegħu kollha. Dina s-sottomissjoni tal-appellant ma tidherx aċċettabbli. Infatti, bl-imsemmija nota tiegħu huwa qie-

għed isostni l-ineffikaċja, u għalhekk in-nullità, tal-imsemmi kuntratt tal-25 ta' Awissu 1897, u ta r-raġunijiet li fuqhom qiegħed jibbaża dik il-pretensjoni tiegħu. Bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' wieħed jirritjeni illi l-iskop ta' dik in-nota kien ir-riżerva ta' eventwali drittijiet futuri, u mhux l-eżerċizzju attwali ta' mezz ta' difiża li bih ġie attakkat bħala ineffikaċi u null l-att tal-qasma fuq indikat. Kienet korretta, għalhekk, l-ewwel Qorti, meta rritenіet li fiċ-ċirkustanzi, bil-mod fuq imsemmi, l-appellant qiegħed jimpunja l-kuntratt tad-diviżjoni fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897. Konsegwentement, anki t-tieni aggravju miġjub il-quddiem mill-appellant huwa bla fondament;

Illi, kwantu għat-tielet aggravju, l-appellant jippretendi li, qabel ma għaddiet għad-digriet appellat, l-Ewwel Qorti messha preventivament iddeċidiet jekk id-dokument eżibit fil-fol. 133 tal-proċess għandux jiġi sfilzat, kif ġie mitlub mill-appellant, billi preżentat serotinament u fi grad ta' appell. Dak id-dokument huwa vera kopja tad-diviżjoni tal-eredità ta' Maria Teresa Caruana b'att publikat minn Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897; u skop tal-produzzjoni tiegħu kien li jirribatti t-tieni eċċezzjoni tad-dritt tar-ritenzjoni akkampat mill-konvenut, u li juri li l-eredità tal-imsemmija Maria Teresa Caruana kienet ġiet aċċettata;

Jingħad, qabel xejn, li l-istess konvenut quddiem l-Ewwel Qorti, u preċiżament bin-nota tiegħu tat-12 ta' Diċembru 1944 (fol. 48), kien *insista* biex il-kwistjoni *involuta* f'dik l-eċċezzjoni tiġi mħollija għal wara d-deċiżjoni fuq l-eċċepita ineżistenza ta' konsorzju u viċinanza fl-attriċi. Din il-kwistjoni ġiet definittivament riżoluta minn din il-Qorti bis-sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946, li ordnat ukoll it-trattazzjoni tal-imsemmija tieni eċċezzjoni. Meta l-kawża kienet għadha quddiem din il-Qorti, l-attriċi pproduċiet dak id-dokument, u l-konvenut appellant oppona ruħu għal dik il-produzzjoni, u talab l-isfilz tiegħu. B'digriet tas-7 ta' Mejju 1951 (fol. 188), din il-Qorti, billi dehrilha li kien spedjenti li dik l-eċċezzjoni tiġi trattata u deċiża mill-Ew-

wel Qorti, biex il-kontendenti jkollhom il-beneficcju tad-doppju eżami, ordnat li l-proċess jiġi rinvijat lil dik il-Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni u kwistjonijiet kollaterali sollevati mill-appellant Dr. Caruana bir-rikors tiegħu tas-16 ta' Jannar 1951 (fol. 148), li bih kien talab l-isfilz tal-imsemmi dokument, preżentat mill-atturi fil-ġurnata ta' qabel. Fir-rikors tiegħu tat-2 ta' Mejju 1951 (fol. 179), u fin-nota tal-osservazzjoni (fol. 181 et seq.), l-appellant mhux biss ma rreiterax id-domanda għall-isfilz tad-dokument in kwistjoni, iżda daħal biex jiddiskuti l-effikaċja ta' dak id-dokument għall-finijiet tal-prova li bih riedet tagħmel l-attriċi. Evidentement, l-Ewwel Qorti, mħabba l-imsemmija kondotta tal-konvenut, dehrilha li huwa ma kienx qiegħed jinsisti għat-talba tiegħu għall-isfilz tad-dokument; u għalhekk ma pprovdietx fuq dik it-talba. Għalhekk anki t-tielet aggravju miġjub il-quddiem mill-appellant ma jidherx fondat;

Illi, kwantu għas-sottomissjonijiet kontenuti fin-nota tal-appellant, preżentata wara r-rikors tiegħu tat-30 ta' Mejju 1956, għandu jiġi rilevat li huma ma jistgħux jiffurmaw meritu ta' dan l-appell. L-eċċezzjoni tad-difett ta' ġurisdizzjoni, opposta mill-konvenut appellant, ġiet respinta bis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, u minnha ma sarx appell; u fir-rikors tal-preżenti appell l-appellant irriżerva skond il-liġi d-dritt tiegħu tal-appell minn dik is-sentenza. U kwantu għat-talba għar-revoka "contrario imperio" tal-fuq imsemmi digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, dik it-talba ġiet respinta bid-digriet ta' dina l-Qorti tas-6 ta' Mejju 1955 (fol. 232), fuq domanda analoga tal-istess konvenut appellant);

Rat il-petizzjoni tal-konvenut Dr. Caruana, preżentata fl-24 ta' Settembru 1956 (fol. 269), fejn talab ir-revoka tal-imsemmija deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956, u għalhekk ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawża fuq il-motivi ndikati fl-art. 814, paragrafi (l) u (e), tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-petizzjoni, l-iżball imqiegħed a bażi tal-motiv ndikat fil-paragrafu (l) tal-imsemmi art. 814, jikkonsisti, (1) li s-sentenza mpunjata hija bażata "fuq is-suppożizzjoni errata li l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Ottubru 1953, affermat li għandha ġurisdizzjoni mhux biss biex tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-istess Dr. Caruana (li huwa eredi leġittimu ta' Maria Teresa Caruana), imma anki li tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni; u (2) li s-sentenza mpunjata ġiet bażata fuq is-suppożizzjoni l-oħra errata li l-kondotta tal-imsemmi Dr. Caruana rigward l-ammissibbilità tad-dokument a fol. 133, kienet tali li l-Ewwel Qorti kellha tippreżumi li l-istess Dr. Caruana rrinunzja għat-talba għall-isfilz minnu mitlub bir-rikors tas-16 ta' Jannar 1951 (fol. 148). Kwantu għall-motiv l-ieħor bażat fuq il-paragrafu (e) tal-imsemmi art. 814, l-appellant Dr. Caruana qiegħed isostni li s-sentenza mpunjata applikat il-liġi ħażin, billi kkunsidrat bħala eċċezzjoni "xi rilievi fuq in-natura tad-dokument eżibit a fol. 132, miġjubin fin-nota tiegħu tal-osservazzjoni eżibita a fol. 181", billi l-eċċezzjonijiet ma għandhomx jiġu mogħtija f'noti ta' osservazzjoni, imma għandhom jirriżultaw minn nota tal-eċċezzjonijiet skond id-dispożizzjoni tal-art. 158 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi, skond il-liġi (art. 814 (1) Proċ. Ċiv.), hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawża; u jitqies li hemm dan l-iżball fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun bażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament; basta li, fil-każ wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

Kwantu għall-ewwel motiv ta' żball, jiġifieri dak tas-suppożizzjoni li l-Ewwel Qorti bid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Ottubru 1953 affermat li għandha ġurisdizzjoni mhux biss biex tieħu konjizzjoni, imma anki li tiddeċiedi l-eċċezzjoni avanzata mill-konvenut Dr. Caruana, li huwa eredi leġittimu ta' Maria Teresa Caruana, għandu jingħad li pre-

ċiżament dina l-kwistjoni kienet tifforma l-ewwel aggravju miġjub il-quddiem mill-imsemmi Dr. Caruana kontra d-digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1956. Infatti, fis-sentenza mpunjata jingħad li "l-ewwel aggravju huwa li, għalkemm l-Ewwel Qorti, bl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, affermat li għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni lilha rinvijata bid-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, iżda l-unika investigazzjoni li setgħet tagħmel kienet dik jekk l-eċċezzjoni setgħetx tiġi trattata u deċiża in prima istanza, ladarba l-kawża ġa ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti bis-sentenza tal-15 ta' Novembru 1945, u dik is-sentenza ma ġietx dikjarata nulla bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ġunju 1946";

Fuq dan l-aggravju s-sentenza mpunjata qalet li l-limitazzjoni li l-appellant jippretendi li biha hija ċirkoskritta l-ġurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti, dwar l-eċċezzjoni lilha deferita bid-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, hija mhux biss arbitrarja, iżda anki kuntrarja għad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ottubru 1953;

Kontra dina s-sentenza l-appellant oppona l-eċċezzjoni tan-nullità, li ġiet respinta b'sentenza oħra tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' April 1954, konfermata minn din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 1954;

Is-sentenza mpunjata kompliet tgħid li bl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, l-Ewwel Qorti ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni lilha rinvijata minn din il-Qorti bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951; u kif sewwa jingħad fid-digriet appellat, il-kwistjoni rimessa għall-eżami u deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija dik relattiva għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Dr. Caruana, jiġifieri jekk huwa huwiex konsorti fil-fond irkuprat bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, bħala ġustifikazzjoni għad-dritt tar-ritenzjoni minnu allegat; u l-ġurisdizzjoni affermata mill-Ewwel Qorti bl-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953 tirriferixxi għall-eżami u deċiżjoni li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ndħlu fil-ġurisdizzjoni tagħha;

Mill-premess jidher evidenti li l-ewwel pretiż żball, akkampat mill-appellant Dr. Caruana, kien punt kontestat

li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni mpunjata, u għalhekk, fir-rigward tiegħu, mhix ammessa r-ritrattazzjoni, skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-pretiż tieni żball, jiġifieri li s-sentenza ġiet bażata fuq is-suppożizzjoni, pretiża errata, li l-kondotta tal-imsemmi Dr. Caruana rigward l-ammissibbilità tad-dokument a fol. 133 kienet tali li l-Ewwel Qorti kellha tippreżumi li l-istess Dr. Caruana rrinunzja għat-talba tal-isfliz minnu mitluba bir-rikors tas-16 ta' Jannar 1951 (fol. 148), dina ċ-ċirkustanza mhux biss ma tinsabx bla dubju eskluża, kif jinsab espressament rikjest mill-liġi, iżda tinsab sorretta mill-fatti u mill-motivi elenkati fis-sentenza impunjata, li in bażi tagħhom waslet għal dik il-konklużjoni. Fuq l-apprezzament u l-interpretazzjoni ta' dawk il-fatti għandu jingħad li huma mhumiex sindakabbli, u ma jagħtux lok għar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni;

Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar 1930, in re "Vella Zarb vs. Bartolo", irriteniet li "l'errore di fatto, per dar luogo alla ritrattazione, deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto della dichiarazione della sentenza cogli atti e coi documenti, e non essere relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto è stato appreso dal giudicante, perchè l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudicante" (ara wkoll, fl-istess sens, sentenzi tat-23 ta' Novembru 1953, in re "Debono vs. Fava"; u tad-29 ta' Jannar 1954, in re "Sarè vs. Ellul"; u sentenzi oħra hemm ċitati);

Konsegwentement, id-domanda tal-appellant Dr. Caruana, in kwantu bażata fuq l-imsemmi pretiż tieni żball, lanqas hi ammissibbli;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-motiv l-ieħor, bażat fuq il-pretiża applikazzjoni ħażina tal-liġi, skond l-art. 814 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jista' jingħata r-rimedju tar-ritrattaz-

zjoni jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin; u jitqies li jkun hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt ikun tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi; basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni tal-liġi li fuqha l-Qorti tkun tat espressament deċiżjoni. Is-sottomissjoni tal-appellant Dr. Caruana hija li bis-sentenza mpunjata ġie ritenut li bin-nota tal-osservazzjoni tiegħu fil-fol. 181 tal-proċess huwa ssolleva l-eċċezzjoni tan-nullità tal-att tad-diviżjoni riċevut minn Nutar Gustavo Sciortino fil-25 ta' Awissu 1897, mentri, skond l-art. 158 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dik l-eċċezzjoni setgħet ġiet mogħtija biss fin-nota tal-eċċezzjonijiet, u mhux f'nota tal-osservazzjoni; u għalhekk saret applikazzjoni ħażina tal-liġi;

Fuq dan il-pont għandu jiġi rilevat li, għalkemm huwa veru li min ikun konvenut f'ġudizzju, u jrid jikkontesta t-talba, għandu jippreżenta nota li jkun fiha miġjubin l-eċċezzjonijiet tiegħu, dana però ma jfisserx, u ma jistgħax ifisser li l-istess konvenut, wara l-preżentazzjoni ta' dik in-nota, ma jkunx jista' jressaq u jissolleva eċċezzjonijiet oħra anki fil-korp ta' nota ta' osservazzjonijiet, bħal ma ġara f'l-każ preżenti. F'dan is-sens għandha tiġi nterpretata l-imsemmija dispożizzjoni taċ-ċitat art. 158; u effettivament hekk interpretatha din il-Qorti fis-sentenza mpunjata, u konformement għal dak li rriteniet din il-Qorti fis-sentenza tal-4 ta' Novembru 1955, in re "Cassar vs. Dr. Zammit ne.", billi huwa obligu tal-ġudikant li, meta jiġi biex jaqta' kawża, jeżamina u jivvaluta l-mezzi kollha ta' difiża li l-partijiet ikunu ressqu quddiemu;

Jingħad ukoll li l-imsemmija kwistjoni ġiet sollevata mill-appellant Dr. Caruana fir-rikors tiegħu tal-appell taħt il-paragrafu (b), u żviluppata b'mod iżjed ċar fin-nota tiegħu fil-fol. 251 u segwenti, taħt in-numru 6, u din il-Qorti, bis-sentenza mpunjata rsolviet dik il-kwistjoni. Għas-soluzzjoni tal-istess kwistjoni, għalkemm il-Qorti ma qalitux espressament, jidher ċar mill-mezzi tad-difiża fuq imsemmijin, adoperati mill-appellant Dr. Caruana, li l-Qorti kie-

net tirriferixxi u tat l-interpretazzjoni li dehrilha xierqa lid-dispożizjoni tal-liġi fuq ċitata;

Jiġi, għalhekk, li dan il-motiv ta' ritrattazzjoni jirriżolvi ruħu fi kritika tas-sentenza mpunjata — ħaġa li mhix permessa mill-liġi; għaliex, skond il-liġi, jista' jkun hemm lok għar-ritrattazzjoni meta fuq il-fatt kif stabbilit mill-Qorti d-dispożizzjonijiet tal-liġi ġew applikati ħażin, u mhux meta l-Qorti nterpretat dawk id-dispożizzjonijiet u in vista' ta' dik l-interpretazzjoni tkun waslet għal ċerta konklużjoni Vol. XXVIII-I-636; App. Ċivili 29 ta' Novembru 1949, in re "Falzon vs. Dr. Buhagiar ne. et."; u App. Kummerċjali 14 ta' Diċembru 1949, in re "Galea vs. Catania");

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, ebda wieħed mill-motivi mressqin mill-appellant Dr. Caruana għar-revoka tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 1956, biex il-kawża tiġi trattata mill-ġdid, ma huwa aċċettabbli u ammissibbli;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi t-talba għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956, u għalhekk għar-ritrattazzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-appellanti Dr. Caruana.